



Il-Kummissjoni
Ewropea

Diċembru 2021

L-IŻGURAR TA' **TRANŻIZZJONI ĠUSTA** LEJN IN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA

Il-ġustizzja u s-solidarjetà huma prinċipji ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal soċjali u l-impjiegi tat-tranżizzjoni ekoloġika u jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, huwa essenzjali li jiġu mobilizzati l-għodod u l-finanzjamenti kollha disponibbli, li ninvolvu ruġna mal-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet matul it-tranżizzjoni u li jiġu stabbiliti l-politiki t-tajba.

X'HEMM INVOLUT?



Jekk il-politiki t-tajba jkunu fis-seħħ, it-tranżizzjoni ekoloġika għandha l-potenzjal li toħloq **MILJUN IMPJIEG ADDIZZJONALI SAL-2030** u madwar **2 MILJUNI SAL-2050**.



Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fit-taħriġ u fit-tagħlim tul il-ħajja biex jintlaħqu **L-ĦTIĠIJET TA' TITJIB TAL-HILJET U TA' TAħRIĠ MILL-ĠDID**.



L-iżgurar **TA' AĊĊESS AFFORDABBLI GĦAS-SERVIZZI ESSENZJALI** bħall-enerġija, il-mobbiltà u l-akkomodazzjoni.

X'INHUMA L-AZZJONIJIET EWLENIN PROPOSTI?

Il-Kummissjoni tkegħegħ lill-Istati Membri jieħdu miżuri u azzjonijiet għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika biex:



> Jappoġġjaw b'mod attiv **l-impjegi ta' kwalità**



> Jagħtu aċċess ugwali **għall-educazzjoni u għat-taħriġ**



> Jiżguraw **sistemi ġusti ta' benefiċċji tat-taxxa** u **protezzjoni soċjali** adegwata



> Jiżguraw aċċess għal **servizzi essenzjali affordabbli** u akkomodazzjoni għal persuni u unitajiet domestiċi l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika



> Jikkoordinaw l-azzjoni ta' politika fil-livelli u l-oqsma kollha u jinvolvu b'mod inklużiv is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet reġjonali u lokali



> Jivvalutaw **l-impatt soċjali u tal-impjegi** attwali tal-politiki ta' tranżizzjoni ġusta

IL-FONDI TAL-UE JISTGĦU JGĦINU

Firxa ta' fondi tal-UE huma disponibbli sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi, jippromwovu l-intraprenditorija ekoloġika, jipprovdu assistenza għar-riċerka għall-impjegi ekoloġiċi, jew jippromwovu l-inklużjoni soċjali tal-persuni milquta mit-tranżizzjoni.



> Il-Fond Soċjali għall-Klima propost ta' €72.2 biljun se jappoġġja lil unitajiet domestiċi vulnerabbli, utenti tat-trasport u mikrointrapriżi milquta mill-introduzzjoni ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-fjuwils użati fit-trasport bit-triq u fil-binjiet

MIN SE JIBBENIFIKA?

Kulħadd fl-UE se jibbenefika, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Il-pakketti ta' politika mressqa mill-Istati Membri għandhom iqisu b'mod speċjali lil dawk in-nies u l-unitajiet domestiċi li huma l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika, bħal:

> persuni li jgħixu fil-faqar jew qegħdin fir-riskju tal-faqar u/jew tal-faqar enerġetiku

> persuni li qed jiffaċċjaw ostakli għall-mobbiltà

> persuni li qed jesperenzaw piż żejjed tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni

> persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, pereżempju minħabba l-ħiliet tagħhom

> persuni li se jaqilbu għal impjegi ġodda u jeħtieġ li jadattaw is-sett ta' ħiliet tagħhom permezz tat-taħriġ